

Brussell, 29 ta' Jannar 2020
(OR. en)

5590/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0099(NLE)**

ACP 7
WTO 6
COASI 9
RELEX 61

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9750/19
Nru dok. Cion:	8916/19 + ADD 1-2
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra - Adozzjoni

1. Fid-29 ta' April 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, u, bħala anness, l-offerta ta' aċċess għas-suq ippreżentata mill-Gżejjer Solomon (8916/19 + ADD 1-2).
2. Fl-14 ta' Mejju 2019, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP eżamina l-proposta msemmija hawn fuq u qabel mat-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.
3. Fl-14 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill talab l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-Ftehim.
4. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu fis-17 ta' Diċembru 2019.

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP ikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Jannar 2020.
 6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
 - jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, kif tinsab wara l-finalizzazzjoni mill-Ġuristi-Lingwisti fid-dokument 9405/19 + ADD 1;
 - jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill;
 - jordna l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.
-